**234. Il-Ministru tal-Edukazzjoni u Intern l-Onor. Ugo Mifsud Bonnici jipproponi**:

Billi b'Riżoluzzjoni tas-Seduta Nru. 310 tas-7 ta' Awissu, 1979, il-Kamra tad-Deputati approvat għotja b'kiri ta' Huts f'Ħal Luqa lin-nies tas-sengħa li japplikaw għalihom;

U billi b'diversi riżoluzzjonijiet il-Kamra tad-Deputati ġeddedt l-imsemmija Riżoluzzjoni sas-7 ta' Novembru 1990;

U billi skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati mgħoddija għall-finijiet tal-paragrafu (c) tas- subartikolu (1) tal-artikolu fuq imsemmi, tibqa' sseħħ għal żmien tliet xhur mid-data li tgħaddi, iżda tista' tiġġedded b'riżoluzzjoni oħra li ssir wara, għall-perjodu ieħor ta' tliet xhur jew għal dak il-perjodu l-ieħor li jista' jiġi speċifikat;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li r-riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati fuq imsemmija tas-7 ta' Awissu, 1979, terġa' tiġġedded mit-8 ta' Novembru 1990 sas-7 ta' Novembru 1993.

04.06.1990